Innijiet ad unur San Gejtanu

(2) *Antifona per Gaetano Quaerite Primum* (1886)
Dr. Mro. Paolo Nani (1814-1904)

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Kulmin hu dilettant tal-festi reliġjużi, speċjalment dawk ta' ġewwa, żgur li jaf x'inhi ANTIFONA – hija dik il-biċċa mużika mhux daqstant twila, imma ħafna mistennija, li tindaqq bil-vuċijiet u orkestra mdaqqsa waqt iċ-ċelebrezzjonijiet liturġiċi fil-ġranet tad-Tridu kif ukoll f'lejlet u nhar il-festa, speċjalment waqt id-dħul tal-vara titulari wara l-puċissjoni. 'Antifona' bil-Griek tfisser silta sagra qasira, aktarx meħuda mill-Bibbja, reċitata jew kantata, waqt funzjonijiet liturġiċi u l-Ufiċċju Divin. Dan il-versett ta' talb jingħad qabel is-salm u jinbidel skont il-festa li tkun. Fl-antik, il-kant kien ikun fl-istil Gregorjan[1], iżda maż-żmien bdew jimmużikawha fi stili aktar kontemporanji. Fost is-surmastrijiet bravi li dari kienu jiktbu l-antifoni nsibu lil Dr. Mro. Paolo Nani. Waħda minn dawn l-antifoni li ħarġet mill-pinna tiegħu hija ddedikata lil San Gejtanu. L-*Antifona per San Gaetano Quaerite Primum* fil-fatt inkitbet fl-1866 u għaldaqstant, din is-sena jaħbat il-130 anniversarju tagħha.

Kliem muftieħ: Antifona, Antifona per San Gaetano, Quaerite Primum, Dr. Mro. Paolo Nani, Parroċċa San Gejtanu, Ħamrun.



**BIJOGRAFIJA**: Dr. Paolo Nani (18.xi.1814 – 22.iii.1904) kien ġej minn familja ta' mużiċisti ta' fama kbira minn Venezja. Twieled fil-Belt Valletta minn Dottor Giuseppe u Caterina, mwielda Recau. It-tfulija tiegħu ftit li xejn nafu dwarha għajr li kien studja l-mużika taħt Giuseppe Burló[2] u Emmanuele Muscat[3]. U għad li, kien iggradwa bħala Avukat fl-1833 mill-Università ta' Malta xorta waħda ried li f'ħajtu jagħmel karriera fil-mużika u baqa' sakemm mar jistudja fil-Konservarju *San Pietro a Majella* taħt Niccolò Antonio Zingarelli (1752-1837). Wara li temm l-istudji tiegħu f'Napli u ġie lura Malta għal kollox fl-1838, ix-xorti daħqitlu mill-ewwel meta ġie fdat bil-mużika tal-festi titutari tal-Madonna tal-Karmnu u ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta. Biż-żmien imbagħad, huwa nħatar ukoll *Maestro di Cappella*[4] f'diversi knejjes parrokkjali u oħrajn mifruxin ma' Malta kollha, fosthom dik ta' San Gejtanu tal-Ħamrun. Bhekk naraw li, għalkemm kien għadu żagħżugħ ta' 25 sena, kien hu li ta bidu għal dik li llum insibuha bħala l-*Cappella*[5] *Nani*. F'dan l-istess żmien ukoll, huwa daħal jaħdem bħala *maestro concertatore* fit-Teatru Manoel, u aktar 'il quddiem, fit-Teatru Rjal. Grazzi għal dan ix-xogħol, huwa kiseb

[1] Il-kant gregorjan normalment jintuża għall-kant tal-knisja u mingħajr akkumpanjament ta' xejn skont ir-riforma ta' Papa Gregorju l-Ewwel, liema kant għadu jintuża fil-Knisja Kattolika sallum.
[2] Twieled il-Birgu fl-1772 u miet hemmhekk fl-1856. Sar saċerdot ta' 24 sena. Wera ġibda kbira għall-mużika sa minn età żgħira tant li, ta' 12-il sena ġa kien pjanista u kontrapuntista gwapp! Fetaħ Istitut Mużikali fil-Birgu li minnu ħarġu surmastrijiet ta' isem kbir fosthom, Dr. Paolo Nani. Kopja tat-trattat twil li kiteb fuq il-kontrapunt tinsab fil-konservatorju rjali ta' Napli. Kiteb bosta mużika sagra, kif ukoll żewġ opri kbar.
[3] Twieled fl-1790 u miet fl-1837. F'Malta studja għand is-surmast P.P. Bugeja u kompla f'San Pietro a Majella taħt Zingarelli. Fl-istess klassi miegħu kien hemm ukoll Gaetano Donizetti, kompożitur tal-opri. Ħafna mill-mużika sagra u profana li kiteb inqerdet.
[4] Dak is-surmast li jieħu ħsieb jidderieġi l-mużika fil-knejjes. Fost id-doveri tiegħu għandu l-obbligu li jikkomponi bċejjeċ adatti biex jindaqqu waqt il-funzjonijiet reliġjużi ta' matul is-sena kollha.
[5] Kappella hija magħmula minn kantanti solisti, kor u orkestra, żgħira jew imdaqqsa, għall-użu ta' festi u riti reliġjużi oħra. Il-Kappella ta' Nani hija waħda mill-aktar famużi ġo pajjiżna.

esperjenza vasta mill-idjomi operistiċi li kellhom jinfluwenzawlu l-bqija tal-kompożizzjonijiet tiegħu, saħansitra fl-istess antifoni li kien jikteb.




Xi tagħrif dwar l-*Antifona per Gaetano Quaerite Primum*: Din ġġib id-data ta' meta nkitbet, jiġifieri d-29 ta' Lulju 1886[6], u allura ftit jiem biss 'il bogħod mill-festa titulari ta' San Gejtanu. Ta' min ifakkar li, wara li tqiegħdet l-ewwel ġebla nhar it-13 ta' Ġunju 1869, il-knisja l-ġdida tal-Ħamrun ħadet sitt snin biex inbniet. Kien biss fl-10 ta' Lulju tal-1875 li nfetħet u tbierket mill-Isqof Konti Carmelo Scicluna (1800-1888). Wara sitt snin oħra, i.e. fl-1881, l-istess Isqof waqqafha f'parroċċa għaliha, u kif kien xieraq, ħatar lill-Vikarju Kurat Dun Fortunat Valletta bħala l-ewwel kappillan tagħha. Ħafna snin wara mbagħad, ġiet ikkonsagrata mill-Arċisqof Dom Mauro Caruana (1867-1943). Minn dan kollu naraw li, l-antifona li kiteb Nani kienet waħda friska bħalma kien ukoll frisk il-bini li kien għadu kif tela' tal-knisja l-ġdida ġewwa dan is-subborg. Hu mifhum ukoll li, din l-antifona aktarx inkitbet fl-istess żmien li, il-parroċċa ta' San Gejtanu żdiedet mal-kappella mużikali tal-familja Nani – liema kappella kienet tforni lil nofs il-knejjes ta' Malta bil-mużika sagra tagħha. Huwa fatt magħruf ukoll li, l-*Antifona per Gaetano Quaerite Primum* hija magħduda fost l-aqwa antifoni li qatt ħarġu mill-pinna ta' dan il-kompożitur dotat u prolifiku.

Kif forsi ġa aċċennajt aktar 'l fuq, ma setax jonqos li, l-idjoma mużikali ta' din l-antifona hi għal kollox operistika u allura f'temp pjuttost mgħaġġel ta' *Allegro Moderato*. Tant hu hekk li, hawn min iqisha li hi l-aktar antifona 'operistika' li qatt inkitbet minn dan il-kompożitur li, kif għedna, qatta' l-biċċa l-kbira ta' ħajtu jikteb u jidderieġi l-opri fit-Teatru Rjal. Dan għall-fatt ukoll li, meta wieħed jħares lejn l-orkestrazzjoni[7] jsib li, minbarra s-soltu strumenti tal-korda (li huma s-sinsla ta' kull xogħol simili), Nani jagħmel użu wkoll minn strumenti tal-injam bħalma huma l-ottavin, il-flawt u żewġ klarini biss, għax obwe mhemmx, kif ukoll strumenti tar-ram fosthom, żewġ korni, kurunetta (li kellu ħabta kif jikteb xi solo għaliha), u tliet trumbuni. Bħala strumenti tal-perkussjoni mbagħad, insibu t-timpani, kif ukoll id-daqq irqiq tat-trijanglu, jew trepied! Is-soltu wkoll, f'xi antifoni minn tiegħu kien iħobb idaħħal id-daqq tal-ofiklajde ħalli jkompli jsaħħaħ il-linja tal-baxxi. (Fir-ritratt tal-ġenb tidher l-ewwel paġna minn tal-partitura oriġinali tal-*Antifona per Gaetano Quaerite Primum*)



Forma: Bħala forma mbagħad, l-antifona hi maqsuma fis-soltu tliet partijiet[8]: (A) tneħħi l-introduzzjoni orkestrali ta' tmien battuti, l-ewwel parti hija fdata f'idejn il-Baxx bħala solista, u li

[6] Dan ifisser li, Mro. Nani ġa kellu 72 sena meta kiteb din l-atinfona!
[7] Biċċa xogħol tal-mużika miktuba u mqassma għal diversi strumenti b'tali mod li tiġi tindaqq minn orkestra jew banda.
[8] Dik li aħna nsibuha bħala forma ternarja għax fi tliet sezzjonijiet fejn it-tielet waħda mhix għajr repetizzjoni eżata jew viċin l-ewwel waħda – liema forma tista' tiġi ppreżentata bħala ABA[(1)].

fiha jkun impenjat sew mużikalment, aktar u aktar meta Nani jżidlu żewġ kadenzi[9] pjuttost twal li fihom il-vuċi tiegħu tibqa' tkanta weħidha; (B) min-naħa tagħha, il-parti tan-nofs hi korali u li matulha kor maskili, magħmul minn tenuri, maqsumin fi primi u sekondi, u baxxi, ikantaw l-istess melodija tal-Baxx solista imma din id-darba armonizzata u żviluppata b'tali mod li fiha titħaddem, dik li aħna nsejħulha, il-polifonija, fejn għandek nisġa sħiħa ta' aktar minn melodija waħda għaddejja fl-istess waqt; (Ċ) fit-tielet u l-aħħar parti, is-solista, flimkien mal-kor, jibdew jaħdmu fuq tema ġdida fi stil kontrapuntali mill-aktar impressjonanti fejn iż-żewġ partijiet jimitaw lil xulxin, u li dan kollu jwassalna għal klajmaks grandjuż fuq il- kliem '*ad jicientur vobis*'.

Referenzi:

Mifsud Bonnici Robert: Mużiċisit kompożituri Maltin u Għawdxin tal-bieraħ u tal-lum. Stampatur: Giovanni Muscat (1951).

Vella Bondin Joseph: Il-mużika ta' Malta fis-sekli 19 u 20. Pubblikazzjoni PIN, Malta (2000)

Vella Bondin Joseph: Żewġ antifoni, żewġ stili. Programm festa San Gejtanu 1996 - Soċjetà Mużikali San Ġużepp Ħamrun, pġ. 193-7.

---

[9] Passaġġ għal strument jew vuċi li fih tintwera l-ħila tal-instrumentalist jew kantant/a. Ħafna drabi l-passaġġ ikun wieħed teknikament tqil u ma jkunx akkumpanjat. Il-kompożituri tal-opra l-aktar li jħobbu jdaħħlu xi kadenza jew tnejn huwa f'xi arja.